MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 172/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Keith Arnaud)**
**Vs**
**George Cassar**

**Illum 11 ta' Jannar, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn it-13 t'April, 2009 u l-14 ta' Mejju, 2009, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccesiex l-elfejn, tliet mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghhom jew imexxuhom u dan bi skur tal-artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex titratta ma l-appellat bhala li huwa recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi w li ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 334(a) u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-appellat mill-akkuza dwar ir-recidiva billi ma gietx ippruvata, sabitu hati ta' l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija, liema perjodu ta' prigunerija fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha w b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin.
Il-Qorti wissiet lill-appellat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' dina s-sentenza.
Il-Qorti ordnat notifika ta' l-atti w is-sentenza lill-Avukat Generali skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fl-appellat skond l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu w thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni kif ukoll f'dik il-parti li gie applikat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali w minflok, issib htija fl-appellat fit-tieni imputazzjoni w tinfliggi l-piena skond il-ligi b'mod li l-perjodu ta' prigunerija ikun wiehed effettiv u immedjatament skontabbli.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni minhabba li l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova dwar

l-istess. L-Avukat Generali ma jistax jifhem dan ir-ragunament peress li la darba giet irregistrata ammissjoni fuq dina l-imputazzjoni, l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tressaq provi. Fil-fatt il-Qorti sabet htija fuq l-ewwel imputazzjoni fuq l-ammissjoni ta’ l-appellat ghax ghajr l-istqarrija ta’ l-appellat l-ebda prova ma giet presentata mill-prosekuzzjoni. Barra minnhekk wiehed ma jistax jargument li l-ammissjoni kienet limitata ghall-ewwel imputazzjoni. Mill-verbal tal-Qorti a fol.4 tal-process hemm kjarament imnizzel li “giet registrata ammissjoni”. La l-ammissjoni li giet irregistrata ma kienitx wahda kondizzjonata, tfisser li dik l-ammissjoni kienet fil-konfront taz-zewg imputazzjonijiet. Ghaldaqstant l-Ewwel Qorti kellha wkoll issib htija fil-konfront ta’ l-appellat tat-tieni imputazzjoni tar-recidiva.
Illi fir-rigward il-piena, l-Ewwel Qorti nvokat u applikat id-disposizzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali meta kienet prekluza mill-istess Kodici milli taghmel dan. Il-qorti qalet ili qeghda ssib lill-appellat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija liema perjodu ta’ prigunerija, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A gie sospiz ghal zmien erba’ (4) snin. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, anki kieku l-Qorti kellha ragun fir-rigward, il-liberazzjoni tar-recidiva, xorta wahda ma setghatx tapplika l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li ordni bis-sashha tal-artikolu 28A(1) jigifieri ordni li jissospendi sentenza ta’ prigunerija ma jistax issir “meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta’ l-artikolu 50. Il-ligi f’dan ir-rigward hija carissima w inekwivoka. Il-Qorti fil-kaz *de quo*, kienet f’obbligu li qabel tghaddi ghall-piena tanalizza l-fedina penali ta’ l-appellat. Wara biss li taghmel dan kellha tghaddi biex terroga l-piena l-aktar idonea fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat

Dan hu appell limitat ghall-piena w kif dejjem gie ritenut f’din il-Qorti bhala Qorti ta’ Revizjoni normalment ma tiddisturbax id-deskrizzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-Ligi jew ma tkunx

manifestament wahda ezagerata. (Ara r-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.06.1999 u Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.04.2003).

Illi kif kellha okkazjoni tghid din il-Qorti dan il-principju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru minn persuna misjuba hatja kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Illi bl-emendi tal-Kodici Kriminali li gew introdotti bl-Att III tas-sena 2002 u partikolarment bl-introduzzjoni tal-artikolu 413 (1)(c) l-Avukat Generali nghata dritt t'appell b'mod generali fil-kazijiet kollha li ma jaqghux taht dawk kontemplati fis-subinciz (b) tal-artikolu 413 (1) u dan ovjament jinkludi appell dwar il-piena.

F'din il-kawza l-appellat George Cassar gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Mejju 2009 sabiex iwiegeb ghall-akkuzi ta' ricettazzjoni w il-Qorti giet mitluba tittratta mall-appellat bhala recidiv wara diversi sentenzi li saru definittivi.

L-appellat ammetta l-akkuzi w il-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha w filwaqt illi lliberatu mill-akkuza tar-recidiva sabitu hati ghall-akkuza tar-ricettazzjoni, kkundannatu ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghall-erba' (4) snin.

Minn din is-sentenza, l-Avukat Generali qieghed jappella dwar il-piena peress illi jidhirlu illi la darba l-appellat ammetta l-akkuza l-Qorti ma kellhix triq ohra hlief li ssibu hati tar-recidiva w tinfliggi piena skond il-kaz.

Illi l-abbli difensur tal-appellat issottometta illi kif gie interpost l-appell tal-Avukat Generali din il-Qorti ma kellhix tirriforma s-sentenza izda tannullaha w tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti.

Bir-rispett din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument.

Ikkunsidrat :

Biex din il-Qorti tannulla sentenza tal-Prima Istanza jrid ikun hemm nuqqas ta' formalita' sostanzjali fil-kuntest tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

F'dan il-kaz ma hemmx dan in-nuqqas. L-artikoli tal-ligi gew debitament ikkwotati w is-sentenza hija konformi mal-artikolu 382 fuq citat.

Ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi annullata.

L-Avukat difensur ukoll spjega illi dak inhar tal-prezentata kien sar arrangament mall-prosekuzzjoni illi ma tinsistix fuq ir-recidiva w l-appellat jammetti l-ewwel akkuza tar-ricettazzjoni. Jidher illi dan l-arrangament gie komunikat lill-Magistrat li ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha fejn sabet lill-appellat hati tal-ewwel akkuza w illiberatu mill-akkuza tar-recidiva. Fl-atti pero' m'hemm l-ebda verbal illi juri dan l-arrangament u l-akkuza tar-recidiva qatt ma giet formalment irtirata mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat

Illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi l-Qorti hija marbuta b'dak li rrizulta mill-atti w ma tistax tikkonsidra provi jew argumenti illi ma jirrizultawx mill-istess.

Ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha akkuza ta' ricettazzjoni w r-recidiva w l-ammissjoni tal-appellat u dawn biss jistghu jkunu l-parametri tal-kunsiderazzjonijiet taghha.

F'kawza deciza fl-20 ta' Jannar 1995 il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri qalet "*.... fuq ammissjoni tal-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu a menu che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li huwa hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat".*

Ghalhekk fuq l-iskorta ta’ dan it-taghlim l-Ewwel Qorti ma setghetx hlief tghaddi ghall-kundanna tal-appellat skond l-akkuzi illi kellha quddiemha w cioe’ dik ta’ ricettazzjoni w ir-recidiva w ghalhekk ma setghetx tillibera lill-appellat mill-akkuza tar-recidiva meta hu stess kien qieghed jammettiha. Fil-fatt irrizulta mill-fedina penali esebita mill-prosekuzzjoni illi bejn gunju tan-1997 u Ottubru 2005 l-appellat inghata xejn inqas minn zewg sentenzi sospizi w ibbenefika wkoll ghall-darbtejn mill-artikolu 9 tal-Kap. 152.

Ghalhekk altru li l-akkuza tar-recidiva ma kienitx ippruvata.

Hawnhekk din il-Qorti ma taqbilx mad-decizzjoni tal-Ewwel Qorti meta ghaddiet biex tillibera lill-appellat minn din it-tieni akkuza w l-Ewwel Qorti ma kellhix triq ohra hlief ukoll tikkunsidra r-recidiva fis-sentenza taghha.

Peress illi l-appellat diga nghata l-beneficcju ta’ sentenza sospiza kif ukoll ta’ Section 9 tal-Kap. 152 mhux il-kaz illi din id-darba wkoll ikompli jibbenefika minn tali beneficcju.

Il-qorti trid taghmilha cara li sentenza sospiza mhiex sentenza liberatorja w billi akkuzat johrog il-barra mill-Qorti wara li jkun inghata dik il-kundanna ma jfissirx illi jista’ jkompli bil-hajja refrattarja tieghu minghajr ma’ jsib sanzjoni mill-Qorti.

Din il-Qorti hija konvinta illi l-appellat inghat bizzejjed opportunitajiet biex igib ruhu sew mas-socjeta’ w la darba ma kienx qed jaghti kaz allura din il-Qorti ma tistax terga tikkonsidra sentenza sospiza darb’ohra w lanqas ma tista’ tikkonsidra il-liberatorja fil-konfront tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 peress illi dan diga’ nghata lill-imputat darbtejn ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w filwaqt li tikkonferma l-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta’ Mejju 2009 fil-konfront tal-appellat f’dik il-parti fejn sabet htija skond l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellat, thassar u tirrevoka s-sentenza f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat

mit-tieni imputazzjoni kif ukoll dik il-parti li gie applikat l-artikolu 28A tal-kodici Kriminali w minflok tiddikjara lill-appellat hati wkoll tat-tieni imputazzjoni dik tar-recidiva, w tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien sitt (6) xhur mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------